**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tad-9 ta' April 2003**

**tawtorizza l-Istati Membri jipprovdu derogi temporanji minn ċertu dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE fuq pjanli tal-frawli (*Fragaria* L.), intiżi biex jinżergħu, ħlief żerriegħa, ġejjin miċ-Ċili**

**(notifikat taħt dokument numru K(2003) 1184)**

(2003/249/KE)

(ĠU L 93, 10.4.2003, p. 32)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/221/KE ta' l-4 ta' April 2007 | L 219M | 465 | 24.8.2007 |
| ►M2 | Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/75/UE tat-2 ta' Frar 2011 | L 29 | 33 | 3.2.2011 |

▼B

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

**tad-9 ta' April 2003**

**tawtorizza l-Istati Membri jipprovdu derogi temporanji minn ċertu dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE fuq pjanli tal-frawli (*Fragaria* L.), intiżi biex jinżergħu, ħlief żerriegħa, ġejjin miċ-Ċili**

*(notifikat taħt dokument numru K(2003) 1184)*

(2003/249/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE of 8 May 2000 fuq miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġol-Komunità ta' organiżmi perikoluż għall-pjanti jew prodotti li ġejjin minn pjanti u kontra t-tkattir tagħhom ġol-Komunità [1], kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/22/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) ta' dan,

Wara li kkunsidraw it-talba magħmula minn Franza,

Billi:

(1) Taħt id-Direttiva 2000/29/KE, pjanti tal-frawli (*Fragaria* L.), intiżi biex jinżergħu, ħlief żerriegħa, li joriġinaw minn pajjiżi li mhumiex Ewropej, ħlief pajjiżi Mediterranji, Awstralja, in-New Zealand, il-Kanada u l-Istati kontinentlai ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerka, bi prinċipju ma jistgħux jiġu introdotti fil-Komunità. Madankollu, dik id-Direttiva tippermetti derogi minn dik ir-regola, previst li jiġi stabbilit li ma jkunx hemm riskju li jinxterdu organiżmi perikoluż.

(2) Ġewwa miċ-Ċili, il-multiplikazzjoni tal-pjanti tal-*Fragaria* L., intiżi biex jinżergħu, ħlief żerriegħa, minn pjanti provduti minn Stat Membru, saret użanza stabbilità. Il-pjanti prodotti huma mbgħad esportati ġol-Komunità sabiex jinżergħu għall-produzzjoni tal-frott.

(3) Mill-istaġun 2001, bid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2000/700/KE [3] u 2002/316/KE [4], derogi minn ċertu dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/29/KE dwar pjanti tal-Fragaria L., intiżi biex jinżergħu, ħlief żerriegħa, li joriġinaw miċ-Ċili saru awtorizzati għal-perjodi limitati u kondizzjonijiet speċifiċi.

(4) Iċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw dawk id-derogi għadhom validi, u ma hemm l-ebda informazzjoni ġdida lit għati lok għal revizjoni ta' dawn il-kondizzjonijiet speċifiċi.

(5) l-Istati Membri għaldaqstant għandhom jiġu awtorizzati biex jipprovdu għal derogi, għal ċertu perjodi limitati u suġġett għal kondizzjonijiet speċifiċi.

(6) Dik l-awtorizzazjoni biex jiġu pprovduti derogi għandha tintemm jekk ikun stabbilit li l-kondizzjonijiet speċifiċi mniżżla f'din id-Deċiżjoni m'humiex biżżejjed biex jimpedixxu l-introduzzjoni ta' organiżmi perikoluż ġol-Komunità jew ma ġewx imħarsa.

---

([1]) ĠU L 169, ta' l-10.7.2000, p. 1.
([2]) ĠU L 78, tal-25.3.2003, p. 10.
([3]) ĠU L 287, ta' l-14.11.2000, p. 65.
([4]) ĠU L 113, tat-30.4.2002, p. 32.

▼B

(7) Il-miżuri previsti f'din id- Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-kumitat permanenti fuq is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Istati Membri huma awtorizzati jipprovdu derogi mill-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/29/KE, b' rigward għal projbizzjonijiet imsemmija f'punt 18 ta' Parti A ta' l-Anness III għal dik id-Direttiva għall-pjanti tal-frawli (*Fragaria* L.), intiżi biex jinżergħu, ħlief żerriegħa, ġejjin miċ-Ċili (hawnhekk iżjed 'il quddiem msejħa il-pjanti).

▼M2

L-awtorizzazjoni biex jiġi provduti derogi, kif jistipula l-paragrafu 1 (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-awtorizzazjoni), għandha tkun bla ħsara, flimkien mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Annessi I, II and IV tad-Direttiva 2000/29/KE, għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, u għandha tapplika biss għall-pjanti li jiddaħħlu fl-Unjoni, fil-perjodi mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru ta' kull sena.

▼B

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, qabel it-30 ta' Novembru tas-sena ta' l-importazzjoni:

(a) bl-informazzjoni fuq il-kwantità ta' pjanti importati skond din id-Deċiżjoni; u

(b) b' rapport tekniku dettaljat ta' l-ispezzjonijiet u l-ittestjar uffiċjali imsemmija f'punt 5 ta' l-Anness.

Wara' li jiġu importati, kull Stat Membru fejn jiġu mħawwla l-pjanti, għandu ukoll jipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, qabel il-31 ta' Marzu tas-sena wara' li ssir l-importazzjoni, b'rapport tekniku dettaljat ta' l-ispezzjonijiet u l-ittestjar imsemmija f'punt 8 ta' l-Anness.

*Artikolu 3*

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra immedjatament fuq kull kunsinna li tiġi introdotta fit-territorju tagħhom skond din id-Deċiżjoni sussegwentement jinstab li ma ħarisx ma' din d-Deċiżjoni.

▼M2

*Artikolu 3a*

Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fit-30 ta' Settembru 2020.

▼B

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

*L-ANNESS*

**Kondizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għall-pjanti tal-frawli (Fragaria L.), intiżi biex jinżergħu, ħlief żerriegħa, ġejjin miċ-¬ili li jgawdu mid-derogi previsti fl-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni**

1. Il-pjanti għandhom ikunu intiżi għall-produzzjoni tal-frott fil-Komunità u għandhom ikunu:

   (a) prodotti eskulżivament minn pjanti ewlenin, li ġew importati mill-Istati Membri u ċertifikati taħt l-skema ta' approvazzjoni ċertifikata ta' l-Istati Membri;

   (b) imkabbra f'art li:

   — tinstab f'żona iżolata mill-produzzjoni tal-frawli kummerċjali,

   — tinstab mill-inqas kilometru 'l bogħod mill-eqreb wiċċ tar-raba tal-pjanti tal-frawli ikkoltivati għall-produzzjoni tal-frott jew xitla meħuda minn din il-pjanta li m' hix konformi mal-kondizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni,

   — tinstab mill-inqas 200 metru 'l bogħod minn pjanti oħra tat-tip Fragaria li m' humiex konformi mal-kondizzjonijiet ta' din id-deċiżjoni, u

   — kienet, wara' t-tneħħija ta' l-uċuh tar-raba li kien hemm qabel u qabel ma jinżergħu il-pjanti, jew ittestjata uffiċjalment b' metodi xierqa li juru li tinstab ħielsa minn organiżmi perikoluż li jinfestaw il-ħamrija inklużi l-Globodera pallida (Stone) Behrens u Globodera rostochiensis (Wollenweber) Behrens, jew inkella trattata sabiex jiġi żgurat li ġiet meħlusa minn dawk l-organiżmi;

   (ċ) spezzjonati uffiċalment mis-Servizz għall-Protezzjoni tal-Pjanti taċ-¬ili, mill-inqas tlett darbiet matul l-istaġun meta din tkun qed tikber u darba oħra qabel ma tiġi esportata biex tinstab l-eventwali preżenza ta' organiżmi perikoluż mniżżla f'parti A ta' l-Annessi I u II tad-Direttiva 2000/29/KE, b' mod partikolari:

   — Arabis mosaic virus,

▼M2

—————

▼B

   — Globodera pallida (Stone) Behrens,

   — Globodera rostochiensis (Wollenweber) Behrens,

   — Naupactus leucoloma (Boheman),

   — Phytophthora fragariae Hickmann var. fragariae,

   — Strawberry crinkle virus,

   — Strawberry mild yellow edge virus,

   — Strawberry vein banding virus,

   — Xanthomonas fragariae Kennedy and King,

   — Xiphinema americanum Cobb sensu lato (non European populations);

   u kwalunkwe organiżmu perikoluż ieħor li għadu qatt ma tfaċċa fil-Komunità bħal:

   — Aegorhinus phaleratus Erichson,

   — Aegorhinus superciliosus il-Ġermanja (Gay Solier),

   — Chaetosiphon thomasi Hille Risambers,

   — Pseudoleucania bilitura Guenée,

   — Fusarium oxysporum fsp. fragariae,

   — Fragaria Chiloensis ilar virus,

   u f'kull okkażjoni jinstabu ħielesa minn dawn l-organiżmi kollha;

▼B

(d) qabel l-esportazzjoni:

— mgħarbula minn ħamrija u jew organi oħra,

— mnaddfa (i.e. ħielsa mill-kumulu ta' materjal maħlul tal-pjati) u ħielsa mill-fjuri u l-frott.

2. Il-pjanti għandhom jiġu mibgħuta flimkien ma' ċertifikat phytosanitarju maħruġ fiċ-¬ili skond l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2000/29/KE, fuq il-bażi ta' l-eżami stabbiliti fiha.

Iċ-ċertifikat għandu jiddikjara:

— taħt ir-rubrika "Diżinfestażjoni u/jew trattament għad-diżinfestazzjoni", speċifikazzjoni ta' l-aħħar trattament(i) li saru qabel l-esportazzjoni,

— taħt "Dikjarazzjoni Addizzjonali", l-indikazzjoni "Din il-kunsinna hija konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/249/KE", kif ukoll l-isem tal-varjetà u l-iskema taċ-ċertifikazjoni ta' l-Istat Membru fejn ġew iċċertifikati l-pjanti ewlenin.

3. Il-pjanti għadhom jiddaħlu minn punti għad-dħul nominati għal l-iskop ta' l-awtorizzazjoni ta' l-Istati Membri fejn ikunu jinstabu.

Dawk il-punti ta' dħul u l-isem u l-indirizz tal-korp uffiċjali responsabbli msemmi fid-Direttiva 2000/29/KE responsabbli ta' kull punt ta' dħul għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni, minn żmien suffiċjenti qabel, minn l-Istati Membri u għandhom, fuq talba, jintqegħdu għad-dispożizzjoni ta' l-Istati Membri l-oħra.

Fejn id-dħul tal-pjanti fil-Komunità iseħħ ġo Stat Membru li mhux l-Istat li qiegħed jagħmel użu mill-awtorizzazjoni, il-korpi uffiċjali responsabbli ta' l-Istat Membru tad-dħul għandhom jgħarrfu u jikkooperaw mal-korpi uffiċjali responsabbli ta' l-Isati Membri li jkunu qed jagħmlu użu mill-awtorizzazjoni biex jiżguraw li id-Deċiżjoni tiġi mħarsa.

4. Qabel id-dħul tal-pjanti fil-Komunità, l-importatur għandu jiġi mgħarraf b' mod uffiċjali bil-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti 1 sa 6.

L-imsemmi importatur għandu jinnotifika, minn żmien suffiċjenti qabel, lill-korpi uffiċjali responsabbli ta' l-Istat Membru tad-dħul bid-dettalji tal-kull dħul billi jindikaw dan li ġej:

— it-tip ta' materjal,

— il-kwalità tal-pjanti,

— id-data maħsuba għad-dħul fil-Komunità,

— il-punt maħsub għad-dħul fil-Komunità,

— l-isem, l-indirizz u l-lokalitajiet fejn il-pjanti se jiġu maħżuna taħt il-kontroll uffiċjali sakemm joħorġu r-riżultati ta' l-ispezzjonijiet imsemmija f'punt 5 jew tal-bini imsemmi f'punt point 6 fejn il-pjanti se jiġu mħawwla wara li jkunu għaddew mill-ispezzjoni u l-ittestjar imsemmija f'punt 5.

L-importatur għandu jgħarraf lill-korpi uffiċjali responsabbli bi kwalunkwe bdil fid-dettalji li saret referenza għalihom f'dan il-punt, malli jsir jaf bihom.

l-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarrf lill-Kummissjoni, mingħajr telf ta' żmien, bid-dettalji imsemmija f'dan il-punt, u bi kwalunkwe tibdil li sarilhom.

Minn l-inqas ġimagħtejn qabel il-pjanti jinġarru mill-bini fejn ikunu maħżuna, l-importatur għandu jgħarraf lill-korp uffiċjali responsabbli dwar il-bini imsemmi f'punt 6 fejn il-pjanti għandhom jiġu miżrugħa.

5. Kif appropjat, l-ispezzjonijiet, inkluż it-testing, meħtieġa taħt l-Artikolu 13 tad- Direttiva 2000/29/KE u taħt punt 8 ta' din id-Deċiżjoni għandhom issiru mill-korpi uffiċjali responsabbli li jagħmlu użu mill-awtorizzazjoni, u fejn approprjat, b' kooperazzjoni mal-korpi uffiċjali responsabbli ta' l-Istati Membri fejn il-pjanti ikun sejrin jinżergħu.

▼B

Matul dawk l-ispezzjonijiet, l-Istat(i) Membru/(i) għandu/(hom) ukoll jispezzjona(w), u fejn approprjat, jittestjaw jekk hemmx l-organiżmi perikoluż msemmija f'punt 1(c). Kwalunkwe sejba ta' dawn l-organiżmi perikoluż għandha tiġi notifikata immedjatament lill-Kummissjoni. L-azzjoni xierqa għandha ttittieħed biex jinqerdu l-organiżmi perikoluż u fejn approprjat il-pjanti konċernati.

Mingħajr preġudizzju għal kontroll imsemmi fit-tieni inċiż ta'l-Artikolu 21(3) tad-Direttiva 2000/29/KE, il-Kummissjoni għandha tistabilixxi sa liema punt l-ispezzjonijiet imsemmija f'dak l-inċiż għandhom jiġu integrati fil-programm ta' spezzjoni skond it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 21(5) ta' dik id-Direttiva.

6. Il-pjanti għandhom jitħawwlu biss fil-bini uffiċalment reġistrat u appruvat għall-għan ta' l-awtorizzazjoni.

Il-persuna li tkun bi ħsieba tħawwel il-pjanti għandha tinnotifika bil-quddiem, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-bini, lill-korpi uffiċjali responsabbli ta' l-Istati Membri fejn ikun jinstab dak il-bini.

Meta il-post taż-żrigħ jinstab ġewwa Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru li jkun qed jagħmel użu mill-awtorizzazjoni, il-korpi uffiċjali responsabbli ta' l-Istat Membru li jagħmel użu mill-awtorizzazjoni għandu jgħarraf l-isem u l-indirizz tal-bini fejn il-pjanti għandhom jinżergħu lill-korpi uffiċjali responsabbli ta' l-Istati Membri fejn il-pjanti għandhom jinżergħu. Din l-informazzjoni għandha tingħata fil-mument li l-importatur jgħarraf bil-quddiem kif imsemmi f'punt 4.

7. Il-korpi uffiċjali responsabbli għandhom jiżguraw illi kwalunkwe pjanta mhix miżrugħa skond punt 6 tiġi meqruda taħt il-kontroll tagħhom.

Rekords tan-numru tal-pjanti meqruda għandhom jinżammu u jkunu disponibbli, fuq talba, lill-Kummissjoni.

8. Fil-perjodu tat-tkabbir wara l-importazzjoni, fi żmien approprjat, proporzjoni xierqa tal-pjanti għandha tiġi spezzjonata b' mod viżiv mill-korpi uffiċjali responsabbli ta' l-Istati Membri fejn huma mħawwla l-pjanti, fil-bini imsemmi f'punt 6, għal preżenza, sinjali jew sintomi ta' kwalunkwe organiżmu perikoluż. Wara din l-ispezzjoni viżiva, kwalunkwe organiżmu perikoluż li juri sinjali jew sintomi għandu jiġi identifikat bi proċedura ta' l-ittestjar approprjata. Kwalunkwe pjanta li ma nstabitx ħielsa mill-organiżmi perikoluż msekkija f'punt (1)(c) matul l-ispezzjoni jew testing imsemmi, għandha tinqered immedjatament taħt il-kontroll tal-korpi uffiċjali responsabbli. Il-Kummissjoni għandha tiġi mgħarrfa b' dan immedjatament.